MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 907/2000/1

**Benjamin Grech.**

**vs.**

**Antonia Stirling.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta’ Mejju 2000 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-5 ta’ Dicembru 1982;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet esenzjali taghha kif kontemplat fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu jew ghal menu ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb ukoll bl-eskluzjoni tad-dritt ghall-att taz-zwieg kif kontemplat fl-istess artikolu.

Illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg kif kontemplat fl-**artikolu 19 (1) (h).**

Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-
(1) Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fil-5 ta' Dicembru 1982 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 15 ta' Gunju 2000 fejn talab li l-kawza tigi appuntata ghas-smigh bl-urgenza;

Rat id-digriet tat-22 ta' Awissu 2000 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta datat 6 ta' Frar 2001;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok kunjomha m'huwiex spellut korrettament fl-atti tal-kawza u ghalhekk dawn ghandhom jigu koreguti.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tissottometti li da parti taghha, z-zwieg ghandu jigu meqjus bhala wiehed validu u jekk kien hemm xi vizzju fil-kunsens, certament dan ma kienx minn naha taghha izda jista` jkun li kien da parti ta' l-istess attur li nganna lill-esponenti billi rrizulta sussegwentement illi l-vot tal-fedelta` kien gie eskluz minn naha tieghu.

3. Hija kellha setghat intelletwali u rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens taz-zwieg u certament meta tat il-kunses taghha, hi kienet pjenament konxja ghal xiex kienet diehla. Li ma kontx preparata ghalih, kien l-agir ta' l-attur li eventwalment wassal biex il-partijiet jinfirdu u fil-prezent hemm kawza ta' separazzjoni pendenti. Jekk il-kawza ta' separazzjoni hijiex talba bizzejjed ukoll biex twassal ghal dikjarazzjoni ta' annullament ta' zwieg, l-esponenti ma tistax tghid ghax jekk huwa l-kaz, dan huwa totalment dipendenti x'ried ifisser l-attur meta ta l-kunsens tieghu biex jizzewweg.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 15 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta (a fol. 16);

Rat il-verbal tas-seduta datat 13 ta' Gunju 2001 fejn giet nominata Dr. Anna Felice bhala Perit Legali.

Rat in-nota ta' l-attur datata 28 ta' Settembru 2001 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavits tieghu.

Rat l-affidavit ta' l-attur (a fol. 20), ta' Carmelo Bugeja (a fol. 24) u ta' Mario Grech (a fol. 26).

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2001;

Rat l-avviz ta’ l-10 ta’ April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond. C. Pace.

Rat il-verbal tas-seduti quddem din il-Qorti kif fil-fatt illum presjeduta datati 2 ta’ Ottubru 2002 fejn gie revokat l-inkarigu tal-Perit Legali, 10 ta’ Dicembru 2002; tas-6 ta’ Frar 2003 fejn l-attur iddikjara li ma ghandhux provi izjed u fejn ghahekk inghata digriet ta’ l-affidavit tal-konvenuta b’terminu ta’ erbghin (40) jum u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghas-26 ta’ Marzu 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 25 ta’ Marzu 2003 fejn talbet li tesebixxi affidavit ulterjuri peress li ma lestietux fiz-zmien lilha koncess.

Rat id-digriet tas-27 ta’ Marzu 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 25 ta’ Marzu 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess datat 21 ta’ Marzu 2003 li fih wahdu 22 faccata a fol. 35 sa fol. 56 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Marzu 2003 fejn giet nominata Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa zewg seduti ghall-kontro-ezamijiet relattivi.

Rat l-affidavits ta’ Mary Grace Stirling (a fol. 61) datat 25 ta’ Jannar 2003, u ta’ Roderick Stirling (a fol. 67) datat ukoll 25 ta’ Jannar 2003 u ta’ Rita Aquilina (a fol. 71) u fl-ahharnett ta’ Rosaria Carabott Marmorato datat 24 ta’ Novembru 2002.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju datati 13 ta’ Mejju 2003 u 27 ta’ Mejju 2003 li fihom ma sar xejn;

Rat in-nota ta’ l-Assisent Gudizzjarju a fol. 78 tal-process fejn indikat li l-partijiet ghalqu l-provi; allura jfisser li n-nomina ta’ l-Assistenta Gudizzjarja ghall gbir tal-provi saret ghalxejn ghaliex l-ebda wahda mill-partijiet ma utilizzat l-istess seduti.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2003 fejn il-Qorti tat il-fakolta` lill-partijiet sabiex jipprezentaw noti ta' l-osservazzjonijiet fit-termni hemm indikati u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2004.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 18 ta' Awissu 2003 fejn talab li jipprezenta n-nota ta' l-osservazzjonijiet *stante* li ma lahaqx ghamel dan fit-terminu li nghata lilu.

Rat id-digriet tad-19 ta' Awissu 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur datata 18 ta' Awissu 2003 (a fol. 83);

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuta datata 16 ta' Settembru 2003 (a fol. 86);

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu ta' annullament taz-zwieg ghaliex qed isostni *"illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"* liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi jghid ukoll li dan iz-zwieg huwa null peress *"illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u konsegwentement z-zwieg huwa null"* liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-ahharnett l-attur allega *"illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar z-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg"*, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (f), (d) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**19(1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

***(d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

***(h)*** *"jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A.- 30 ta' Lulju, 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi f'**"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. - 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi f'**"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*

Illi f' **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. –14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni hekk:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et", (**Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-

zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati ukoll f'**"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. 30 ta' Jannar 1991) u f'**"Grech vs Grech"** (P.A. 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994): *"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'Consortium Vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** dan jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ill ghar-rigward ta' l-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d)** ***Dr. Abigail Attard***, fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"suppose not only maturity of*

*intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* (pg 42).

Illi mhux bizzejjed li tkun taf x'inhu z-zwieg izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita' li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha hajja mizzewga.

Illi kif gie spjegat tajjeb fil-kawza **"Spiteri vs Spiteri"** (P.A. – 4 ta' Novembru 1994):-

*"B'difett serju ta' diskrezzjoni l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. In-nuqqas ta' "discretio judicii" hu kuncett guridiku interament marbut mall-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u kuxjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg".*

Illi dwar **l-artikolu 19(1) (h) tal-Kap 255** l-attur ippremetta illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti interdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta' dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta' dipressjoni.

Illi **John R. Keating**, fil-ktieb tieghu ***"The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence"*** f'pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*"Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal,*

*gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will."*

**II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi l-partijiet zzewgu fil-5 ta' Dicembru 1981 u b'sentenza datata 17 ta' Frar 1999 fl-ismijiet **"Antonia Grech vs Benjamin Grech"** (P.A. (FD) Citaz. Numru 1329/92/FD) il-partijiet illum jinsabu separati legalment *stante* li l-appell ghall-istess sentenza gie ddikjarat dezert fl-1 ta' Awissu 2001.

Illi l-partijiet iltaqghu seba' snin qabel iz-zwieg taghhom, meta l-attur kellhu 18 il-sena u l-konvenuta kellha 16 il-sena. L-attur jghid li l-konvenuta ma kenitx turi interess li jizzewwgu, ghalkem jidher li qalilha kemm il-darba; wara diversi tentattivi jghid li l-konvenuta accettat, pero' dan gara f'mument meta huwa kien jitla' l-Libja ghax-xoghol ghal tlett xhur shah u jghid li l-konvenuta meta jirritorna ma kenitx turi li qed thoss in-nuqqas tieghu; Pero' l-partijiet xorta zzewgu fil-5 ta' Dicembru 1981. Jghid li ma tantx kienet tkun trid x'taqsam mieghu b'mod intimu; jallega li kienet tohrog ma' persuni ohra waqt li kien imsiefer; jghid li l-konvenuta ma rieditx tfal, izda wara tlett snin accettat skond huwa, li jkollha tfal. Kellhom tifla, Natasha, izda meta gew biex jergghu ikollhom it-tfal, l-attur jghid li l-konvenuta ma reditx jekk ma jaghmilx testment li jhalli kollox lilha, u fil-fatt hekk jghid li sar. Jghid li bena' sular iehor fid-dar izda l-konvenuta ma wriet ebda interess; jghid ukoll li l-konvenuta kienet tqatta' l-hin kollu d-dar ghand ommha. Ma wrietx skond l-istess attur interess fil-*bazaar* li kien fetah mad-dar, u peress li ma setghax ilahhaq mieghu ghaliex kellu xoghol iehor kien falla l-istess *business.* Sab *job* fuq vapur li kien jinhtieglu jorqod fuqu u l-konvenuta kienet tghidlu meta jmur id-dar, dejjem skond l-istess attur, ghaliex ma baqax fuq il-vapur. Bil-lejl jghid li wara sena minn mindu twieldet it-tifla hija kienet torqod maghha u huwa kien jorqod fl-i*spare*

*bedroom.* Meta ried ikollu x'jaqsam maghha jghid li kienet titolbu l-flus. Kienu jiggieldu u meta sab elfejn Lira Maltin (Lm2,000) neqsin kien beda proceduri ta' separazzjoni. Dan huwa fil-qosor, ir-rakkont ta' l-attur fl-affidavit tieghu tas-26 ta' Settembru 2001.

Illi minn naha taghha l-konvenuta tghid li dan ma kien xejn minnu ghaliex kienu intimi anke qabel iz-zwieg u tghid li l-problema kienet li l-attur kien jisma' wisq minn dak li jghidulu hutu u missierhu. Tghid li l-attur, tul ir-relazzjoni taghhom qabel iz-zwieg kellu wkoll relazzjoni ma' mara Ngliza u li din kienet damet sejra anke wara li kien ghamel weghda maghha li kien qata' ghal kollox. Meta beda jsiefer il-Libja l-attrici tghid li kellha habib u ma reditx tizzewwgu, izda tghid li zejjel hafna biha u fil-fatt izzewgu. Hija ddiskriviet dan iz-zmien bhala wiehed ta' konfuzjoni ghaliha ghaliex minhabba din ir-relazzjoni ta' l-attur ma' din il-persuna, hija kellha dubji kbar fuq l-attur.  Spjegat li hija dejjem riedet tfal u irrakontat minn xiex ghaddiet sabiex ikollhom, kif kellhom it-tfal. Tghid li l-attur kien dejjem ikun mal-familja tieghu u kien ihalliha wahedha; kien ghalhekk li kienet tmur ghand ommha. Tghid li l-attur kien f'xi zmien iffissa fuq il-politika u anke gab *revolver* id-dar ghaliex kien canvasser ta' Dr. John Buttigieg u anke heddidha bih wara bdiet issemmi kif fil-fatt skond hija inghalaq il-hanut, u wkoll fejn u kif kien jahdem il-konvenut f'diversi *jobs;* ikkontradixxiet lill-attur f'kollox u f'dak kollu li qal u tghid li kien beda jidhol fis-sakra miz-zmien li kien ha f'idejh il-kazin u tghid li l-attur kien ammetta li kellu relazzjoni ma' wahda mizzewwga li kellha tifla; kien hawn tghid l-konvenuta li rrifjutat li jkollha x'taqsam ma' l-attur, ghaliex insistiet li l-ewwel kellu jitlaq ma' min hija tghid li kellu x'jaqsam l-attur.  F'Mejju 1992 tghid u tallega li l-attur sforza ruhhu fuqha sesswalment u semmiet x'gara wara a fol. 52 tal-process. Fid-29 ta' Mejju 1992 wara li marret ghand il-genituri taghha sabet il-bieb tad-dar imsakkar u l-attur kien biddel is-serratura. Marret ghand il-Pulizija u dawn, skond hija, qalulha li ma setghu jaghmlu xejn u baghtuha d-dar ghand ommha. Ghamlet rapport ghaliex il-pulizija qalulha li ma kenux jindahlu f'affarjiet matrimonjali. Minhabba f'hekk baqghet barra mid-dar. Tghid li l-attur kellhu relazzjoni ma' certu Doris Zammit u ma' mara

Bulgara. Certu ncidenti ta’ vjolenza gew kkonfermati minn Mary Grace Stirling, u wkoll minn Roderick Stirling, missier il-konvenuta, li t-tnejn kkonfermaw li l-attur kien sakkar lill-konvenuta u lil bintha ‘il barra mid-dar. Jghid kif wara dan l-istess konvenuta kienet mantnuta minnhom u mill-beneficcji socjali. Ix-xhud Rita Aquilina ssemmi kif darba minnhom l-atttur qal lill konvenuta li *“jekk intik Lm1,000 tohrog mid-dar”.* Tirrakonta wkoll kif il-konvenuta sfat imkeccija minn darha.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-verzjoni ta’ l-attur ma hija xejn kredibbi, kif lanqas hija x-xhieda tal-persuni minnu prodotti, anzi jirrizulta mill-kumpless tax-xhieda li l-attur kien bniedem li tratta lill-konvenuta bhala persuna biss suggetta ghal dak li jghid huwa u xejn izjed, ghaliex altrimenti kien jerhilha ghall-vjolenza fuqhha kemm fizika u kemm morali, b’hafna ghajjat u dagha; meta ried jirrizulta li kellu relazzjoni anke ma’ nisa ohra, u meta xeba’ jidher li kecca addrittura lill-konvenuta minn dak li hass li kienet daru biss, u jidher li ilu zmien twil ma jmantni lill-martu. Jidher li dan huwa kaz car fejn l-konvenuta soffriet ghal zmien twil vjolenza domestika, u jidher li l-istess konvenuta lanqas inghatat protezzjoni mill-membri tal-Pulizija li rrikoriet ghandhom, lanqas meta giet imkeccija mid-dar, u hawn jidher il-bzonn li tigi ntrodotta ligi cara dwar il-protezzjoni ta’ persuna, inkluz it-tfal minn vjolenza domestika. Jirrizulta li l-konvenuta ghada sa lum tghix ma’ missierha, u wkoll li l-attur ma huwiex qed imantni lilha u jidher lanqas lill-wild tieghu. Dwar dan l-attur ma jghid assolutament xejn, qisu qatt ma gara u ghalhekk dan irendi l-verzjoni tieghu tal-fatti ghal kollox inkredibbli u fil-fatt qed tigi rigettata minn din il-Qorti.

Illi dwar il-kaz ta’ annullament jirrizulta li l-attur tul ir-relazzjoni kollha tieghu mal-konvenuta ma kellux ideja u lanqas jidher li llum ghandu ta’ x’inhu verament il-kuncett taz-zwieg. Dan ma jfissirx certament li jfittex lill-konvenuta biss sabiex jkun jista’ jagixxi intimament maghha meta jhoss huwa u kif irid huwa. Il-kuncett taz-zwieg huwa hafna iktar nobbli minn hekk u jfisser komunjoni ta’ hajja bejn zewg persuni b’mod esklussiv minn haddiehor u ghal dejjem u f’kollox. Ghall-attur din hija impossibbli, ghaliex

mill-provi prodotti jirrizulta li dak li huwa mportanti huwa biss dak li jghid u jaghmel huwa, u jekk xi hadd ma jaghmilx dak li jhoss huwa, mela allura dik il-persuna hija hazina u qed tonqsu. Fil-fatt l-attur lanqas biss wera r-rispett dovut lejn l-konvenuta bhala l-mara tieghu ahseb u ara kemm seta` qatt jikkoncepi intelletwalment u spiritwalment kuncett ta' unjoni ta' mhabba u hajja. Ghalih mara, u in partikolari, l-mara tieghu kienet biss suggetta ghalih biss, kwazi *second class citizen.* Meta ried u kif ried, qabel u wara z-zwieg kisser l-element essenzjali ta' fedelta' u wkoll meta ra li l-konvenuta ma kenitx lesta li jkollha relazzjonijiet intimi mieghu, biss meta indunat li huwa kien kisser dan l-obbligu ta' fedelta', soluzzjoni wahda ra, apparti dik ta' vjolenza domestika, u cjoe' dik li jsakkar lill-mara mid-dar matrimonjali, fejn l-konvenuta ma sabet l-ebda ghajnuna minghand hadd, lanqas mill-Pulizija, u spiccat tghix mal-familjari taghha. Hawn il-Qorti thoss li ma tistax ma tappellax ghal ligi dwar vjolenza domestika, jekk xejn sabiex il-vittmi, inkluz l-ulied, ikollhom mezz ta' protezzjoni ahjar milli fil-fatt ghandhom illum. Mill-kawzi li hemm quddiema, u f'din il-kawza kif jidher mill-fattispecie ta' dan il-kaz, wkoll jidher li l-vjolenza domestika hija hafna iktar komuni milli wiehed jahseb, ghahekk l-importanza ta' tali ligi ma tistax ma tigix accentwata.

Illi abbazi ta' dan kollu din il-Qorti thoss li gie ppruvat konkludentement li l-attur kellu l-kunsens tieghu vizzjat minhabba li fil-mument taz-zwieg (u anke wara) huwa ma kellux id-diskrezzjoni ta' gudizzju necessarja sabiex jifhem u jevalwa intelletwalmwent x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, u l-obbligi naxxenti mill-istess, ibbazati fuq kollox fuq ir-rispett tal-persuna, u fuq kollox fuq id-dinjita' tal-mara, u d-dinjita' tar-ragel. Din il-Qorti abbazi tal-provi prodotti ma tistax tasal ghal konkluzzjoni ohra, ghaliex hafna mill-atti li wettaq ir-ragel kemm qabel u wara l-istess zwieg jindikaw li ma kellux rispett minimu ghad-dinjita' tal-mara, u l-enfazi tieghu fuq is-sess, anke meta l-konvenuta kienet qed thossha tradita minnu, jindikaw li l-attur qatt ma kkoncepa relazzjoni ta' ugwaljanza izda biss wahda ta' mara sottomessa ghar-ragel fiz-zwieg. Dan huwa koncett li huwa ghal kollox aljen fil-kultura u l-ligi taghna ghall-

istituzzjoni taz-zwieg u ghalhekk minghajr ebda dubju dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputtabbi lill-attur.

Illi l-istess jista' jinghad fir-rigward ta' l-**artikolu 19 (1) (f)** peress li mill-azzjonijiet tieghu, kemm qabel u kemm wara z-zwieg, jidher li l-attur eskluda *a priori* l-lejalta' lejn martu u r-rispett lejn martju mill-hajja konjugali, b'dan li l-kunsens tieghu kien simulat peress li l-attur qatt ma mpenja ruhu verament sabiex josserva dawn l-elementi essenzjali taz-zwieg. Fil-fatt l-incidenti kemm qabel u kemm wara z-zwieg jikkonfermaw dan, u hija haga serja li l-attur lanqas biss issemmi l-ebda wiehed mill-incidenti msemmija mill-konvenuta u x-xhieda minnu prodotti, li jindikaw li l-attur lanqas biss ghandu xi forma ta' rimors ghall dak li gieghel lill-konvenuta ssofri minhabba eghmilu.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbi biss lill-attur skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' it-tieni parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta fejn eccepiet li dan iz-ziweg huwa null ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur u dan peress li l-istess parti ta' din l-eccezzjoni hija kompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha fejn l-istess huma kontrastanti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fil-5 ta' Dicembru 1982 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ghar-ragunijiet imputabbli biss u esklussivament lill-attur abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------